Minuti tat-13 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar it-Tlieta 17 ta' Dicembru, 2013. Il-laqgha nbdiet hin 3.35pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Louis Apap |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli Depasquale |
| **Skuzati:** | Lisa Marie Brooke |

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-12 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tat-12 laqgha gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

1.2 Emanuel Muscat gibet l-attenzjoni li l-bankina tas-Sur Gordon Ghirxi li joqghod fil-bidu ta' Triq il-Madonna tal-Virtu' ghandha bicca nieqsa mis-simet u li qieghed jitla' l-haxix hazin. Il-Kunsill qabel li l-haddiem tal-Kunsill ghandu jigi inkarigat sabiex jaghlaq din il-parti bis-simet.

1.3 Il-Vici Sindku Louis Apap gibet l-attenzjoni li jidher li fuq l-arkata ta' Triq Sdieri hemm xi qsim fil-gebel.

**2.0 Twaqqif ta' Kumitat – Monument u celebrazzjonijiet l-Isqof Emeritus Nikol G. Cauchi.**

2.1 Is-Sindku spjega li huwa ta' l-ideja li ghandu jitwaqqaf kumitat kompost mill-Kunsill, il-Knisja, il-Familja Cauchi kif ukoll persuna/i li tirraprezenta l-ghaqdiet tar-rahal sabiex ikun jista' jsir monument f'gieh l-Isqof Emeritus Nikol G. Cauchi.

2.2 Emanuel Muscat issuggerixxa li fil-kumitat ikun hemm persuna li tirraprezenta l-Kurja.

2.3 Emanuel Muscat staqsa dwar minn fejn ser jigu l-fondi biex ikun jista' jsir dan il-monument. Is-Sindku spjega li wiehed mill-iskopjiet ta' dan

il-kumitat ikun propju dak li jahdem sabiex jinkisbu fondi kemm mill-knisja, attivitajiet ta' fund raising u mezzi ohra. Is-Sindku spjega li din hija materja li fil-fatt trid tigi diskussa fil-kumitat li ser jigi inwaqqaf.

2.4 Il-Kunsill qabel li l-kumitat ghandu jigi imexxi mill-Kunsill Lokali u l-minuti jittiehdu mis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali.

2.5 Is-Sindku issugerixxa li ghandha tinkiteb ittra f'dan ir-rigward lill-Arcipriet, il-Familja Cauchi, lill-Kurja u lill-Ghaqdiet tal-lokal fejn dawn jigu infurmati li ser jitwaqqaf dan il-Kumitat.

2.6 Is-Sindku zied jghid li jrid ukoll jinstab post fejn jista' jitpogga dan il-Monument. Il-Vici Sindku Louis Apap qal li l-Kunsill ghandu jaghti l-idejat u suggerimenti tieghu dwar il-post fejn irid jitqieghed.

2.7 Kien isuggerit wara l-Knisja dahru mall-Knisja, ma' genb il-Knisja, fil-Pjazza hdejn ic-Centru, fil-parapett tal-Kazin tal-Banda, l-Area f'triq il-Knisja x'imkien fejn hemm il-Palma fuq propjeta' tal-Knisja u z-zona fejn jinstab il-monument ta' l-Isqof Mikiel Molina fil-Pjazza Zjara tal-Madonna.

2.8 Is-Sindku issugerixxa li l-ewwel laqgha ta' dan il-kumitat ghandha ssir f'Jannar 2014. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 3.0 Tigdid tal-Hatra tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv

3.1 Il-Kunsill qabel unanimament li ghanda tigi imgedda l-hatra tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv.

## 4.0 Aggornament dwar xogholijiet u progetti

4.1 Is-Sindku spjega li l-Perit Mario Bonello qieghed fil-prezent jezamina l-Bill of Quantities ta' l-offerta' tal-*jogging track*. Il-Vici Sindku Sindku Louis Apap qal li ma jaqbilx mall-*jogging track* u dan ghaliex ser tnaqqas mill-area tal-pitch.

4.2 Fir-rigward tal-M313 2nd call, il-Kunsill ghandu qieghed jistenna' risposta dwar ir-rizultat ta' l-applikazzjoni sottomessa li kienet tinkludi l-wicc tal-*jogging track*, dawl, fencing u marsh.

4.3 Is-Sindku spjega ukoll li fir-rigward tal-Progett M323 ghaddej ix-xoghol fuq il-kampnar tal-knisja pero' minhabba maltemp il-process waqa' lura u ghalhekk gie mitlub sabiex tinghata estenzjoni fiz-zmien sa l-ahhar ta' Frar filwaqt li intalbet estenzjoni ukoll fuq ix-xoghol tas-shelter sa l-ahhar ta' Jannar biex ikun jista' jitlesta' l-art tieghu.

4.4 Is-Sindku spjega ukoll li huwa kien tkellem mall-kuntrattur Joseph Portelli li kien wettaq ix-xoghol tal-pavimentar tal-pjazza fejn talbu

sabiex jirranga t-tappiera ta' fejn hemm is-shelter peress li kienet nizlet.

4.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wiehed mill-bankijiet ta' fejn il-Kappella ta' San Dimitri kien tkisser u li kien sar rapport lill-pulizija u qeghda issir claim lil Insurance.

4.6 Is-Sindku spjega li l-Kunsill ghadu qieghed jistenna risposta min-naha ta' l-Insurance fir-rigward tal-claim li kienet saret ghall-kompjuters, fax u apparat tal-WiFi li kienu inharqu waqt maltempata.

4.7 Is-Sindku spjega li l-Perit qieghed jahdem fuq il-kontijiet tat-toroq li saru permezz tal-iskema PPP.

4.8 Is-Sindku spjega li l-kont ta' Triq il-Knisja ser jitla' aktar minn dak previst minhabba x-xoghol *extra* filwaqt li ta' Triq Trux ukoll ser ikollu zieda sostanzjali minhabba li saret ukoll il-parti t'isfel ta' din it-triq u minhabba xogholijiet ohra li jridu isiru waqt it-twettieq tax-xoghol. Is-Sindku spjega li x-xogholijiet fi Triq Tumas Cassar ser isiru min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex.

4.9 Emanuel Muscat staqsa dwar jekk il-kontijiet tal-latrini pubblici kienux gew jiswew aktar min-normal. Is-Sindku spjega li dawn kien gew normali bhas-soltu.

4.10 Il-Vici Sindku Louis Apap gibed l-attenzjoni dwar toqba fit-triq kerha li tinsab quddiem ir-residenza ta' Charles Tabone fi Triq Tumas Cassar. Is-Sindku zied jghid ukoll li kien hemm ohra quddiem ir-residenza ta' Robert Micallef. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi inkarigat il-handyman tal-Kunsill sabiex isewwi dawn it-toqob.

4.11 Carmen Vella staqsiet dwar ir-rotta ta' l-arriva jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Sindku spjega li fil-prezent ghaddejin diskussjonijiet bejn l-Arriva u l-Gvern u ghalhekk wiehed irid jistenna' u jara l-ezitu.

## 5.0 Skeda ta' Pagamenti

5.1 Il-Vici Sindku Louis Apap staqsa x'ikopri l-kont tan-Nutara Josette Spiteri Cauchi. Kien spjegat li dan qieghed ikopri aktar minn evalwazzjoni ta' offerta' wahda fejn gie li jkun hemm il-bzonn li jsiru aktar minn laqgha wahda qabel il-board jasal ghar-rakkomandazzjoniet tieghu.

5.2 Emanuel Muscat staqsa dwar jekk il-Kunsill ikunx jaf minn qabel kemm ser tigi tiswa' l-evalwazzjoni ta' kull offerta'. Is-Sindku spjega li bejn wiehed u iehor din tigi tiswa' €300 u li l-ispejjez ikunu komperti permezz tal-*fee* ta' l-offerti li jingabru.

5.3 Fir-rigward tad-dawl tal-Milied li twahhal fi Triq il-Knisja, l-Vici Sindku Louis Apap issugerixxa li ghal sena ohra qabel il-Kunsill jiddeciedi fuq l-irhas offerta' wiehed ghandu jara x'tip ta' dawl ser jehel.

5.4 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

**6.0 Korrispondenza u materji ohra**

6.1 Pubblikazzjoni ta' suggerimenti ghall-policy dwar kmamar tan-nar li kopja taghhom jinstabu fuq il-website tal-MEPA. Kien hemm qbil li din il-materja titla' fuq l-agenda ghal-laqgha li jmiss.

6.2 Minghand il-MEPA fir-rigward ta' Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA3492/13.

6.3 Minghand il-Health Promotion fir-rigward ta' promozzjoni dwar World AIDS day.

6.4 Minghand il-Compass Group Ltd fejn il-Kunsill gie infurmat li l-Kumpanija issa bdiet tirraprezenta l-AllCare Insurance Ltd u mhux iktar ic-Citadel.

6.5 Minghand ic-Citadel Insurance fir-rigwar ta' servizzi li huma ser ikunu qeghdin joffru minn ufficju gdid.

6.6 Minghand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' fir-rigward ta' Rapport Annwali 2012/2013.

6.7 Minghand The Malta Community Chest Fund fejn il-Kunsill gie mitlub ghajnuna permezz ta' donazzjonijiet minn xi attivitajiet li jigu organizzati.

6.8 Minghand Legio X Fretensis Malta dwar entertainment li huma joffru.

**7.0 Aggornament**

7.1 Il-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar jew it-Tlieta 14 ta' Jannar, 2013.

9.2 Il-laqgha spiccat hin 5. 15pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Deputat Segretarju Ezekuttiv